# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 4**

**Rikors numru 1007/2021/1 AD**

**Philip Agius u Angela *sive* Julie Agius**

**v.**

**Riccardo Franco Schembri**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi Agius sabiex il-konvenut Riccardo Franco Schembri jiġi kkundannat iħallashom l-ammont ta' €31,416.50 u mhux dak ta' €18,416.85 li ġie likwidat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tat-8 ta' Marzu, 2024.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-13 ta' Ottubru, 2021, l-atturi Philip u

Angela *sive* miżżewġin Agius fissru li huma kienu silfu fuq l-idejn is-somma ta’ €118,833 lill-konvenut Riccardo Franco Schembri u lil martu Karen Schembri (li tiġi bint l-atturi), li llum marret lura għal kunjomha xebba Agius. Jgħidu li €97,833 minn dan l-ammont ta’ €118,833 ġie kkonfermat mill-konvenut Riccardo Franco Schembri u minn Karen Agius f’kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu magħmul fl-20 ta’ Lulju, 2010 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar.

3. L-atturi jkomplu li wara li sar dan il-kuntratt huma silfu lil binthom u lill-konvenut is-somma ulterjuri ta’ €21,000. B’kollox għalhekk ġew li silfuhom €118,833.

4. Isostnu li minbarra fil-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fuq imsemmi, il-konvenut u binthom għarfu dan is-self fil-kuntratt ta’ firda personali tagħhom tal-20 ta’ Mejju, 2021, anke jekk f’ammont li ma jirriflettix eżatt l-ammont kollu misluf lilhom. F’dan il-kuntratt (ara paġna 10 tal-atti) ġie mniżżel hekk:

> *«Il-partijiet qablu u obbligaw ruħhom illi d-dejn dovut lill-ġenituri tal-Mara, Philip u Angela, konjuġi Agius, rigwardanti self u li jammonta għas-somma ta’ ċirka mija u tnax-il elf ewro (€112,000) għandu jiġi mħallas konġuntivament bejniethom u f’dan ir-rigward il-partijiet intrabtu li jħallsu dan id-dejn u kwalsiasi pagamenti dovuti in konnessjoni mal-istess dejn f’ishma indaqs bejniethom. Fl-eventwalità li waħda mill-partijiet tkun kostretta li tħallas xi somma jew somom ta’ flus in konnessjoni ma’ dan id-dejn u liema ħlas ikun dovut mill-parti l-oħra, dik il-parti li tkun naqqset li tħallas tkun obbligata li tindennizza minnufih lill-parti l-oħra, flimkien mal-imgħax, skont l-għola rata fil-Liġi dovut mid-data tal-ħlas imħallas.»*

5. Minkejja dan l-għarfien tad-dejn, l-atturi jgħidu li huma baqgħu ma

ħadu lura xejn minn dak li kienu silfu. Iżidu wkoll li għalissa huma ma jridux imexxu kontra binthom sabiex din tagħtihom lura l-parti tagħha mis-self, però jistqarru li huma jridu mingħand il-konvenut is-somma ta' €59,416.50 li tirrappreżenta sehmu mill-ammont kollu li ġie misluf lilu u lil binthom.

6. Billi iżda l-konvenut baqa' ma raddx lura dawn il-flus, minkejja li sa anke bagħtulu ittra uffiċjali fis-26 ta' Lulju, 2021 sabiex iħallashom; u billi l-atturi jgħidu li l-konvenut m'għandux difiża xi jressaq biex jikkontesta t-talbiet tagħhom, huma fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *ii. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-esponenti s-somma ta' disgħa u ħamsin elf erba' mija u sittax-il ewro punt ħamsin ċenteżmi (€59,416.50) rappreżentanti l-import ta' sehmu mis-somma globali ta' mija u tmintax-il elf, tmien mija u tlieta u tletin ewro (€118,833.00) li ġiet mislufa mill-esponenti lill-istess intimat u binthom Karen Agius, bl-imgħax legali dekorribbli mis-26 ta' Lulju 2021 sad-data tal-pagament effettiv;*
>
> *Bl-ispejjez tal-preżenti kontra l-intimat li huwa inġunt in subizzjoni.»*

7. Fis-seduta tad-9 ta' Diċembru, 2021 (ara paġna 21 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti tat l-opportunità lill-konvenut sabiex iressaq risposta maħlufa ħalli b'hekk huwa jkun jista' jikkontesta l-kawża. Din ir-risposta maħlufa ġiet imressqa minnu fit-22 ta' Diċembru, 2021 fejn qal hekk:

> *«1. Illi preliminarjament, jingħad illi kif inhu konċess mill-atturi dawn l-ammonti mislufa kienu mislufa fiż-żwieġ ta' bejn il-konvenut u bint l-atturi*

*li għalhekk għandha tiġi kjamata fil-kawża;*

*2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju, l-intimat jopponi t-talbiet kollha attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*3. Illi kif ser jiġi ppruvat fil-mori, l-intimat kien qiegħed mingħajr preġudizzju għat-talbiet attriċi jgħaddi pagamenti sostanzjali b'dana li huwa żgur ma jistax jaqbel mal-ammont pretiż;*

*4. Illi għalhekk, mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.»*

8. Il-kawża ġiet differita għadd ta' drabi minħabba li l-partijiet kienu qegħdin jippruvaw jaslu fi ftehim barra mill-Qorti.

9. Fit-23 ta' Novembru, 2023 l-atturi ppreżentaw nota li biha huma naqqsu l-ammont li huma kienu qegħdin jitolbu fir-rikors maħluf minn wieħed ta' €59,416.50 għal wieħed ta' €31,416.50 (ara paġna 75 tal-atti tal-kawża). Huma iżda żammew ferm it-talba tagħhom għall-imgħax mis-26 ta' Lulju, 2021 'il quddiem sakemm isir il-ħlas lura tas-self.

10. Aktar tard b'sentenza tat-8 ta' Marzu, 2024, l-Ewwel Qorti wara li astjeniet milli tqis l-ewwel talba tal-atturi sabiex taqta' din il-kawża mingħajr smigħ, issoktat billi laqgħet it-tieni u t-tielet talba tal-atturi u kkundannat lill-konvenut sabiex irodd lura lill-atturi sal-ammont biss però ta' €18,416.85, bl-imgħax mid-data tas-26 ta' Lulju, 2021 sakemm isir il-ħlas u bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-konvenut.

11. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«A. <u>Eċċezzjoni Preliminari</u>*

*20. L-intimat jeċċepixxi preliminarjament illi l-ammonti mislufa kienu mislufa lill-konvenut u bint ir-rikorrenti fiż-żwieġ, u għalhekk bint ir-rikorrenti kellha tiġi kjamata fil-kawża;*

*...*

*22. Fil-każ odjern, ir-rikorrenti jagħmluha ċara illi l-pretensjoni tagħhom fil-kawża odjerna hija biss għal "l-import ta' sehmu [ċjoè, sehem l-intimat] mis-somma globali mislufa lilu u lil binthom" (Para 7 tar-rikors promotur, a fol 2 tal-proċess), u jgħidu wkoll fir-rikors promotur, "Illi f'dan l-istadju, iżda assolutament mingħajr ebda preġudizzju u/jew rinunzja għal kull jedd spettanti lilhom, l-esponenti ma jixtiqux jaġixxu kontra binthom" (Para 6 tar-rikors promotur, a fol 2 tal-proċess). Jirriżulta għalhekk illi r-rikorrenti m'humiex jippretendu lill-intimat iħallas l-ammont kollu lilhom allegatament dovut, iżda biss sehmu;*

*23. In oltre, fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom, bint ir-rikorrenti u l-intimat stipulaw fil-klawsola bl-ittra (f) illi d-dejn dovut lir-rikorrenti, "għandu jiġi mħallas konġuntivament bejniethom u f'dan ir-rigward il-partijiet intrabtu li jħallsu dan id-dejn u kwalsiasi pagamenti dovut in konnessjoni mal-istess dejn f'ishma indaqs bejniethom" (Vide Dok B anness mar-rikors promotur, a fol 10 tal-proċess). Jidher għalhekk illi l-intenzjoni ta' bint ir-rikorrenti u l-intimat kienet illi l-ammont dovut lir-rikorrenti jinqasam min-nofs, u kull parti tħallas sehemha mid-dejn;*

*24. Meqjus il-premess, din il-Qorti ma tarax għalfejn kellha tiġi kjamata in kawża bint ir-rikorrenti. Dan b'mod partikolari tenut kont tal-fatt illi r-rikorrenti qed iressqu biss pretensjoni fil-konfront tal-intimat għal sehmu mid-dejn, u mhux għal sehem binthom ukoll. Li kieku, għall-grazzja tal-argument, ir-rikorrenti kienu qed jippretendu illi l-intimat iħallas l-ammont dovut kollu waħdu, kien ikun hemm raġuni valida għalfejn tiġi kjamata fil-kawża bint ir-rikorrenti, iżda fiċ-ċirkostanzi kif inhuma, l-eżitu tal-kawża bl-ebda mod mhu sejjer jaffettwa lil bint ir-rikorrenti. Lanqas huwa sejjer jaffettwa kwalsiasi azzjoni illi r-rikorrenti jistgħu fil-futur jiddeċiedu illi jieħdu kontra binthom sabiex jiġu rifużi lilhom sehemha mid-dejn, u dan peress illi jagħmluha ċara r-rikorrenti illi l-proċeduri odjerni qed jiġu intavolati mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi pretensjoni illi jista' jkollhom fil-konfront ta' binthom;*

*25. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tqis illi l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat għandha tiġi miċħuda.*

*<u>B. Il-Mertu tal-Każ Odjern</u>*

*....*

*27. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda l-ewwel talba tar-rikorrenti, il-Qorti tinnota illi l-kawża ma ġietx deċiża b'mod definittiv u bid-dispensa tas-smigħ: (a) waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Novembru 2021 stante illi l-intimat kien għadu ma ġiex notifikat bir-rikors ġuramentat u l-avviż ta' smigħ; (b) waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Diċembru 2021 stante illi l-intimat ippreżenta ċertifikat mediku sabiex jiġġustifika l-assenza tiegħu; u (ċ) waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Diċembru 2021 stante illi l-Qorti rat illi l-intimat kellu difiża x'jagħti għat-talbiet tar-rikorrenti. Dan ikkonsidrat, iżda, din il-Qorti tqis l-ewwel talba bħala sorvolata u sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;*

*28. F'dak illi jirrigwarda t-tieni talba tar-rikorrenti, il-Qorti tinnota illi:*

> *a. Jirriżulta mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu illi l-intimat stess kien qiegħed jirrikonoxxi illi kienet dovuta lir-rikorrenti s-somma ta' €97,833 mingħandu u mingħand l-eks-martu, rappreżentanti self magħmul brevi manu (Vide Dok A anness mar-rikors promotur, a fol 7 tal-proċess);*
>
> *b. Jirriżulta, hekk kif ġa premess, mill-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn bint ir-rikorrenti u l-intimat illi d-dejn ma kienx għadu ġie mħallas kollu, u li kien għad hemm bilanċ ta' circa €112,000, liema bilanċ il-partijiet ftehmu illi sejrin jaqsmu bejniethom f'porzjonijiet ugwali u kull wieħed iħallas is-sehem tiegħu (Vide Dok B anness mar-rikors promotur, a fol 10 tal-proċess); u*
>
> *c. Il-fatt illi l-intimat jirrikonoxxi illi għandu d-dejn mar-rikorrenti jirriżulta saħansitra anke mill-fatt illi, fil-mori tal-kawża, l-intimat għamel diversi pagamenti akkont, u dan kif spjegat fl-affidavit tar-rikorrenti Angela Agius, a fol 60 tal-proċess, u l-kopji ta' bank transfer receipts annessi miegħu a fol 63 et seq tal-proċess;*

*29. Jidher għalhekk illi mhux kontestat illi huwa dovut mill-intimat bilanċ lir-rikorrenti. Huwa l-ammont pretiż mir-rikorrenti illi qiegħed jiġi kontestat;*

*30. Fix-xhieda tiegħu (A fol 22 et seq tal-proċess), l-intimat jesebixxi numru ta' dokumenti u bank transfer receipts illi huwa jippremetti illi huma pagamenti akkont illi saru tul is-snin sabiex jiġi saldat id-dejn (Vide Dok RFS1a fol 27 et seq tal-proċess). Qamet tul l-istess xhieda l-mistoqsija rigward il-fatt illi numru ta' pagamenti saru mill-kont indikat bħala Medistar Wages, meta r-rikorrenti Angela Agius kellha mpjieg fil-kumpanija Medistar. Id-dubju illi tqanqal kien jekk effettivament dawn il-pagamenti kinux jirrappreżentaw paga tar-rikorrenti, jew ħlas akkont tad-dejn mertu tal-kawża odjerna. Filwaqt illi l-intimat isostni illi dawn kienu ħlasijiet akkont sabiex jiġi eventwalment saldat id-dejn, ir-rikorrenti Angela Agius, fl-affidavit tagħha tgħid, "[L-intimat] beda jipprova jħallat dan id-dejn (mertu ta' din il-kawża) ma' xi pagi li kont nirċievi mill-kumpanija Medistar. It-tnejn li huma, huma affarijiet*

*kompletament separati u ma għandhomx x'jaqsmu 'l waħda mal-oħra. Il-paga li kont nirċievi hija proprju dik: paga – u ma għandhiex x'taqsam mas-self li konna tajna żewġi u jien lil Riccardo u bintna Karen." (Vide para 11 fl-affidavit tar-rikorrenti, a fol 61-62 tal-proċess);*

*31. Din il-Qorti rat illi, stranament, numru ta' bank transfer receipts esibiti mir-rikorrenti ukoll jagħtu l-impressjoni illi jirrappreżentaw ħlas ta' paga, iżda r-rikorrenti tirrikonoxxi illi huma ħlasijiet akkont sabiex jiġi saldat id-dejn. Hekk, per eżempju, Dok JA2 (a fol 64) huwa pagament ta' €2,000 għal Professional Service u Payment for Services, indikat bħala Payment on Behalf of Karen Agius u maħruġ mill-kont Medistar Expenses. Hekk ukoll Dok JA3 (a fol 65) huwa pagament ta' €2,000 għal Employment u Salary, indikat ukoll bħala Payment on behalf of Karen Agius, maħruġ minn Kres Group Limited. L-istess huwa Dok JA4 (a fol 66), illi huwa pagament ieħor ta' €2,000 għal Employment u Salary, indikat ukoll bħala Payment on behalf of Karen Agius maħruġ minn Kres Group Limited. Dan b'kuntrast, per eżempju, ma' Dok JA6 (a fol 68) illi huwa pagament ta' €5,000, indikat bħala Loan Repayment maħruġ minn Medistar Healthcare Serv Ltd. Il-fatt illi r-rikorrenti rrikonoxxiet illi dawn il-pagamenti kienu ħlasijiet akkont minkejja illi jagħtu l-impressjoni illi huma ħlas ta' paga, iġiegħlu lil din il-Qorti tiddubita jekk effettivament kellhiex raġun ir-rikorrenti meta sostniet illi l-ħlasijiet fil-bank transfer receipts esibiti mill-intimat fix-xhieda tiegħu kinux verament pagi, jew kinux ħlasijiet akkont sabiex jiġi eventwalment saldat id-dejn;*

*32. Din il-Qorti ma tistax b'konvinċiment morali san taċċetta d-dokumenti a fol 28 sa 34 bħala prova illi saru l-ħlasijiet relattivi, stante illi dawn jidher illi huma biss dokumenti jew noti illi l-intimat għamel huwa stess, u ma jikkostitwixxux prova uffiċjali b'saħħa probatorja bħalma huma, per eżempju, bank transfer receipts. In oltre, il-bank transfer receipts a fol 35, 36, 37, 39, 40, 41, 43 u 44 huma, fil-fehma tal-Qorti, dubjużi, stante illi jew huma maħruġa minn kont indikat bħala Medicare Wages, jew m'hemm l-ebda dettalji dwar dak illi jikkostitwixxi l-pagament. Il-Qorti mhix sejra għalhekk tikkonsidra dawn il-pagamenti bħala ħlasijiet akkont;*

*33. Madanakollu, mhux l-istess jista' jingħad, per eżempju, għall-bank transfer receipt a fol 38, illi huwa pagament ta' €1,000 indikat bħala sempliċi Payment. Aktar ċara minn hekk hija l-bank transfer receipt a fol 42, illi huwa pagament għal €11,999.65 indikat bħala Loan Repayment lir-rikorrenti. Din il-Qorti sejra tikkonsidra dawn iż-żewġ pagamenti bħala ħlasijiet illi saru akkont, u taqtagħhom mill-bilanċ pretiż mir-rikorrenti;*

*34. Finalment, din il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti ppreżentaw nota ta' riduzzjoni fil-mori tal-kawża, u li l-ammont minnhom pretiż niżel għal €31,416.50 sabiex jirrifletti l-ħlasijiet illi saru akkont fil-mori tal-kawża odjerna. Meta jitnaqqsu minn dan l-ammont is-somma ta' €11,999.65 u €1,000 għar-raġunijiet ġa elenkati, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiddikjara illi l-ammont dovut mill-intimat lir-rikorrenti huwa fis-somma ta' tmintax-il elf, erba' mija u sittax-il ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu*

*(€18,416.85);*

*35. Għaldaqstant it-tieni talba dedotta fir-rikors ġuramentat tirriżulta pruvata u sejra tintlaqa' in parte;*

*36. F'dak illi jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-**Artikolu 1141 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jistabbilixxi illi:*

> *«(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi eżegwita.*
>
> *(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni.»*

*37. Huwa evidenti illi għall-każ odjern japplika s-**subinċiż (2) tal-Artikolu 1141**. Ir-rikorrenti kienu bagħtu ittra uffiċjali bin-numru 2503/2021 lill-intimat, datata tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju 2021 (Dok C a fol 12 tal-proċess). Skont it-timbru tal-Marixxall, jidher illi l-ittra ngħatat lil ċertu Ryan Abela nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju 2021. Din hija notifika valida fit-termini tal-**Artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malt**a. Il-Qorti sejra għalhekk tordna illi l-imgħax għandu jibda jiddekorri mis-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju 2021;*

*38. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tikkunsidra d-data tas-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju 2021 bħala d-data minn meta għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet legali għal kull ammont dovut. Tali mgħaxijiet għandhom ikomplu hekk jiddekorru sad-data tal-effettiv pagament.»*

12. B'rikors tal-appell imressaq fl-4 ta' April, 2024, l-atturi Agius talbu lil din il-Qorti biex il-konvenut Riccardo Franco Schembri jiġi kkundannat iħallashom is-somma ta' €31,416.50 minflok dik ta' €18,416.50.

13. Riccardo Franco Schembri ma weġibx għal dan l-appell.

14. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

15. Il-kwistjoni li għandha tiddeċiedi din il-Qorti tal-Appell hija biss jekk għandhiex tgħolli l-ammont ta' €18,416.85 mogħti mill-Ewwel Qorti.

16. L-appellanti Agius jargumentaw li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-provi meta naqqsitilhom is-somma ta' €12,999.65 mill-kreditu dovut lilhom.

17. Fl-ispeċifiku huma jsostnu li l-Ewwel Qorti tat piż żejjed għad-dokumenti mressqa mill-konvenut, li hija stess stqarret li kienu konfużjonarji. Minħabba f'hekk l-atturi jgħidu li l-Ewwel Qorti spiċċat biex warrbet għalkollox dokumenti u provi oħra li jxejnu l-allegat ħlas akkont tas-self. Dawn il-provi huma: (i) il-kuntratt ta' firda personali tal-20 ta' Mejju, 2021, li ġie ppubblikat wara li saru dawn l-allegati ħlasijiet akkont, fejn il-konvenut stess kien iddikjara li hu u martu kellhom dejn mal-atturi fis-somma ta' €112,000; (ii) il-kitba tal-20 ta' Ġunju, 2022, f'paġna 67 tal-atti tal-kawża, fejn ġie ddikjarat li fadal bilanċ ta' €65,000 mis-self u li mbagħad niżel għal €31,416.50 wara li waqt il-mixi tal-kawża saru ħlasijiet mill-konvenut; u (iii) ix-xhieda mhux meruta tal-attriċi Angela *sive* Julie Agius li qalet li l-konvenut ħallasha biss €28,000.

18. Minbarra dan, l-appellanti jżidu li mhux sew li l-Ewwel Qorti naqqsitilhom €12,999.65 fuq il-bażi ta' rendikont bankarju sempliċement għaliex fuqu tniżżel il-kliem «*loan repayment*» jew «*payment*.» Jisħqu li ma hemm xejn x'juri li dik id-dikjarazzjoni tabilħaqq tikkostitwixxi ħlas akkont tad-dejn mertu tal-kawża. Fuq kollox, huma jisħqu li l-konvenut mhux biss abbanduna l-kawża u ma għamel xejn biex imeri lill-attriċi, iżda d-dokumenti ppreżentati minnu ma jindikawx minn min suppost sar dak il-ħlas. Itemmu l-aggravju billi jgħidu li huwa prinċipju legali li min jallega l-ħlas għandu jippruvah għas-sodisfazzjoni tal-Qorti, b'dana li f'każ li hemm dubju jew nuqqas ta' rċevuta, dan għandu jmil favur il-kreditur.

19. Din il-Qorti titlaq billi tgħid illi l-piż tal-prova tal-eżistenza tad-dejn tmiss lil min ikun fetaħ il-kawża. Dan huwa hekk, billi min jaġixxi għal xi kreditu jrid qabel xejn jipprova li dan il-kreditu tassew jeżisti (ara ***Sergio Manché v. Tony Cassar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019 u ***Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2003).

20. F'każ ta' dubju raġonevoli jekk l-ammont huwiex dovut jew le, dan id-dubju għandu dejjem imur favur il-konvenut għaliex l-oneru tal-prova tal-eżistenza tad-dejn jibqa' dejjem fuq l-attur (ara ***Julio Azzopardi v. Solar Engineering Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' April, 2025 u ***Desmond Mizzi noe v. Patrick Filletti pro et noe*** deċiża mill-

Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2000).

21. Jinżel b'hekk minn dawn il-konsiderazzjonijiet, li huwa loġiku illi jingħad illi qabel il-ħtieġa tal-prova tal-pagament min-naħa tal-konvenut, hemm bżonn illi l-attur jissodisfa lill-Qorti bl-eżistenza tal-kreditu, u dan bi grad ta' prova li ma tkunx waħda biss possibbli imma waħda bbażata fuq il-probabbiltà (ara ***Richard Attard et v. Mark Anthony Barbara et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' April, 2024).

22. Fil-każ tal-lum, il-konvenut Riccardo Franco Schembri ma ċaħadx fir-risposta maħlufa tiegħu li l-atturi wettqu self fl-ammont ta' €118,833. Kemm hu hekk fl-ewwel paragrafu tar-risposta maħlufa tiegħu huwa kkonċeda li dan is-self sar fiż-żwieġ li huwa kellu ma' bint l-atturi. Li żied jgħid però huwa li t-talba tal-atturi għar-radd lura ta' dan is-self ma tistax tintlaqa' minħabba li huwa jallega li għadda pagamenti sostanzjali lill-atturi.

23. Ifisser għalhekk li ladarba m'hemmx kwistjoni dwar il-fatt li s-self sar, mela allura jmiss lill-konvenut li jġib prova li dak is-self jew xi parti minnu tħallas.

24. Tassew la l-konvenut invoka l-pagament, jaqa' fuqu d-dmir li jipprova dan b'mod konvinċenti u deċiżiv (ara ***Santa Lucia Properties Limited et v. It-Tabib Arthur Mercieca et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell

fil-21 ta’ Novembru, 2024 u ***Joe Chetcuti et v. Joseph Pearson et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta’ Ottubru, 1998). F’każ ta’ dubju għandha tirbaħ il-preżunzjoni li d-dejn ma jkunx tħallas (ara ***Wood System SRLS v. Alex Cutajar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta’ Jannar, 2025).

25. Jinsab iżda aċċettat ukoll fil-ġurisprudenza, li fin-nuqqas ta’ rċevuta, il-prova tal-ħlas tad-dejn tista’ ssir b'mezzi oħra, bħal dokumenti, xhieda, il-konfessjoni tal-kreditur u provi indiretti bħalma huma preżunzjonijiet u indizzji li kapaċi jikkonvinċu lill-ġudikant (ara ***Antoine Camilleri v. Jason Aquilina*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Marzu, 2020).

26. Lura għall-każ tagħna jirriżulta li l-Ewwel Qorti aċċettat fis-sentenza appellata li l-ammont misluf kien dak imsemmi mill-atturi fir-rikors maħluf tagħhom. Dwar l-ammont eżatt li ġie misluf mill-atturi ma sar l-ebda appell mill-partijiet u għalhekk illum jeżisti ġudikat li l-konvenut kellu jrodd lura lill-atturi s-somma ta’ €59,416.50 bħala sehmu mis-self.

27. Issa l-attriċi Angela *sive* Julie Agius stqarret fit-tieni affidavit tagħha li minn dan l-ammont ta’ €59,416.50 il-konvenut kien ħallashom lura s-somma ta’ €28,000 waqt li kienet għaddejja din il-kawża (ara minn paġni 60 sa 69 tal-atti tal-kawża). Dawn il-ħlasijiet saru hekk: (i) €6,833

permezz ta' trasferiment bankarju tad-9 ta' Frar, 2022; (ii) €2,000 permezz ta' trasferiment bankarju tad-9 ta' Marzu, 2022; (iii) €2,000 permezz ta' trasferiment bankarju tas-7 ta' April, 2022; (iv) €2,000 permezz ta' trasferiment bankarju tal-20 ta' Mejju, 2022; (v) €5,000 permezz ta' trasferiment bankarju tal-20 ta' Ġunju, 2022; (vi) €5,167 fi flus kontanti fl-20 ta' Ġunju, 2022; u (vii) €5,000 fi flus kontanti fid-9 ta' Awwissu, 2022. L-ewwel sitt pagamenti jinsabu msemmija wkoll fil-kitba mhux iffirmata tal-20 ta' Ġunju, 2022 (ara paġna 67 tal-atti tal-kawża), li l-attriċi tgħid li ġiet mgħoddija lilha mill-konvenut stess.

28. Sewwasew fid-dawl ta' dawn il-ħlasijiet, l-atturi ppreżentaw nota fit-23 ta' Novembru, 2023 li biha naqqsu l-pretensjoni tagħhom minn €59,416.50 għal €31,416.50 (ara paġna 75 tal-atti tal-kawża).

29. L-Ewwel Qorti iżda qalet fis-sentenza appellata li fl-atti tal-kawża ġew preżentati żewġ dokumenti mill-konvenut, li jinsabu f'paġni 38 u 42, illi juru li l-istess konvenut kien wettaq żewġ pagamenti oħra favur l-attriċi: (i) wieħed ta' €1,000; u (ii) ieħor ta' €11,999.65. B'hekk l-Ewwel Qorti ddeċidiet li tnaqqas l-ammont ta' €12,999.65 mill-bilanċ ta' €31,416.50 biex b'hekk wasslet għas-somma finali ta' €18,416.85 bħala dik li għandha tiġi mħallsa mill-konvenut lill-atturi.

30. L-ewwel dokument imsemmi mill-Ewwel Qorti, li jinsab f'paġna 38, huwa mislut minn kont bankarju miżmum mal-Bank of Valletta plc, li juri

li fis-7 ta' Diċembru, 2018 twettaq trasferiment bankarju ta' €1,000 għal ġewwa l-kont tal-attriċi Angela Agius. Dan id-dokument ma jindikax ir-raġuni għalfejn sar dan il-ħlas. Kulma hemm imniżżel bħala «*payment details»* huwa biss il-kelma «*payment.*»

31. Min-naħa l-oħra t-tieni dokument li jinsab f'paġna 42, li huwa wkoll meħud minn kont bankarju miżmum mal-Bank of Valletta plc, juri li fl-10 ta' Lulju, 2019 twettaq trasferiment bankarju ta' €11,999.65 biex imur fil-kont tal-attriċi Angela Agius. Din id-darba bħala «*payment details*» tniżżlu l-kliem «*Loan Repayment.*»

32. Għalkemm dawn iż-żewġ dokumenti ma jindikawx l-isem tal-persuna li ħallset dawn l-ammonti lill-attriċi Angela Agius, madankollu fihom wieħed jista' jsib in-numru tal-kont bankarju minn fejn ħarġu l-flus. Dan il-kont bankarju huwa l-istess wieħed li minnu l-attriċi Angela *sive* Julie Agius stqarret fit-tieni affidavit tagħha li rċeviet iż-żewġ ħlasijiet ta' €2,000 kull wieħed fis-7 ta' April, 2022 u fl-20 ta' Mejju, 2022 (ara paġni 65 u 66 tal-atti tal-kawża).

33. Jiġi b'hekk, li ladarba dawn l-erba' trasferimenti bankarji ħarġu mill-istess kont bankarju, mela allura din il-Qorti ma tistax teskludi minn qabel li ż-żewġ trasferimenti bankarji ta' €1,000 u ta' €11,999.65 imsemmija mill-Ewwel Qorti, li saru favur l-attriċi fis-snin 2018 u 2019, setgħu saru wkoll fl-interess tal-konvenut Riccardo Franco Schembri,

bħalma saru ż-żewġ trasferimenti bankarji l-oħra ta' €2,000 kull wieħed fis-sena 2022.

34. B'danakollu però, wara li xtarret bir-reqqa ż-żewġ trasferimenti bankarji li saru fis-snin 2018 u 2019 mal-bqija tal-provi li ġew imressqa fil-kawża, din il-Qorti tikkonkludi li hija mhijiex konvinta bħall-Ewwel Qorti li dawn iż-żewġ ħlasijiet qatgħu parti mill-ammont ta' €31,416.50 li l-atturi qed jitolbu f'din il-kawża wara n-nota ta' riduzzjoni tat-23 ta' Novembru, 2023.

35. Dan qed jingħad għal aktar minn raġuni waħda.

36. Ibda biex, din il-Qorti ma tistax torbot wisq fuq il-konvenut Riccardo Franco Schembri. Dan hu hekk, għaliex għalkemm fis-seduta tad-9 ta' Diċembru, 2021 huwa saħaq li kien ħa jressaq xhieda biex isaħħu l-pożizzjoni tiegħu, huwa mhux biss ma ressaqx dawn ix-xhieda iżda talli wara dik is-seduta huwa ma reġax deher fil-kawża.

37. Min-naħa l-oħra, minkejja li l-konvenut kien għosfor mill-proċeduri, l-attriċi minn jeddha għażlet li tnaqqas il-pretensjoni tagħha permezz ta' nota ta' riduzzjoni, wara li fit-tieni affidavit tagħha hija spjegat fid-dettall bit-trasferimenti bankarji u bil-flus kontanti li l-konvenut għamel waqt li kienet għaddejja l-kawża. Fil-fehma tal-Qorti din l-imġiba tal-attriċi turi ċertu lealtà u ġenwinità min-naħa tagħha. Għalhekk din l-istess Qorti ma

tarax għalfejn m'għandhiex toqgħod fuq il-verżjoni tagħha mogħtija f'paragrafu 10 tat-tieni affidavit tagħha fejn qalet li minn bilanċ globali ta' €59,416.50, il-konvenut ħallasha biss €28,000.

38. Wara kollox, il-konvenut mhux biss m'għamilx il-kontroeżami tagħha iżda mank biss ressaq provi biex imeri jew ixejjen dak li qalet u hemżet mat-tieni affidavit tagħha.

39. Hekk ukoll, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn ma temminx lill-attriċi meta fit-tieni affidavit tagħha qalet li fl-20 ta' Ġunju, 2022 il-konvenut kien newlilha dokument mhux iffirmat bil-ħlasijiet kollha li huwa għamel akkont tas-self. Fost il-ħlasijiet hemm imniżżla, ma jissemmewx iż-żewġ trasferimenti bankarji tal-2018 u 2019.

40. Aktar minn hekk, din il-Qorti mhijiex konvinta li l-ewwel trasferiment bankarju ta' €1,000 imsemmi f'paġna 38 tal-atti tal-kawża u li huwa indikat biss bħala «*Payment*» sar biex jinqata' parti mis-self. Fl-atti tal-kawża ntwera li l-attriċi kienet tirċievi wkoll paga għas-servizzi tagħha li kienet tagħti lill-kumpaniji tal-konvenut, bl-ismijiet ta' Medistar Healthcare Services Limited u Kres Group Limited. Għalhekk jeżisti dubju favur l-atturi li dan il-ħlas ta' €1,000 ma sarx biex jinqata' s-self iżda sar sabiex jitħallsu affarijiet oħra. Din il-Qorti tqis li fix-xhieda tad-9 ta' Diċembru, 2021 (ara paġna 23 tal-atti tal-kawża), il-konvenut qal li huwa kien lest li jġib prova dwar il-paga li kien iħallas lill-attriċi u juri

wkoll mil-liema kontijiet kienu jsiru dawn il-ħlasijiet sabiex b'hekk juri li t-trasferimenti bankarji li huwa ppreżenta m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-paga tal-attriċi. Però dawn il-provi baqgħu ma nġiebu qatt, u l-konvenut lanqas biss tfaċċa iktar fil-kawża. Jibqa' għalhekk id-dubju li dan it-trasferiment bankarju ta' €1,000 mhuwiex relatat mas-self inkwistjoni. U la hemm dubju raġonevoli jekk dan il-pagament sarx biex jinqata' s-self, dan id-dubju għandu jmil favur l-atturi kredituri li dan il-pagament ma sarx għas-self.

41. Magħdud ma' dan, din il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li ż-żewġ trasferimenti bankarji tal-2018 u l-2019 saru snin qabel il-kuntratt ta' firda personali tal-2021 fejn il-konvenut flimkien ma' martu stqarru minn jeddhom li huma għandhom dejn ta' madwar €112,000 mal-atturi minħabba s-self li kienu tawhom tul iż-żwieġ. Jekk issa f'din il-kawża l-konvenut ma ċaħadx li s-self globali mogħti mill-atturi kien ta' €118,833, mela allura ma jistax ikun li huwa ħallas €12,999.65 qabel il-kuntratt ta' separazzjoni tal-2021 għaliex kieku f'dan il-kuntratt ma kienx iniżżel li hemm dejn ta' self fl-ammont ta' €112,000 iżda kien iniżżel ammont ta' madwar €105,000 jew €106,000 biex jirrifletti dan l-allegat ħlas ta' €12,999.65.

42. Għalhekk meta kollox jitpoġġa fuq il-miżien, din il-Qorti qiegħda taqbel mal-atturi li mis-sehem tiegħu ta' €59,416.50 (i.e. nofs l-ammont ta' €118,833), il-konvenut raddilhom lura biss is-somma ta' €28,000 u

mhux €40,999.65.

43. L-aggravju tal-atturi huwa wieħed mistħoqq u għalhekk il-konvenut fadallu jħallas lill-atturi s-somma ta' €31,416.50, bl-imgħax mis-26 ta' Lulju, 2021 sad-data tal-ħlas kollu tas-self.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell tal-atturi Agius u b'hekk tirriforma s-sentenza appellata billi minflok is-somma ta' €18,416.85 tiddikjara li l-konvenut għandu jrodd lura lill-atturi Agius is-somma ta' €31,416.50 bl-imgħax legali mis-26 ta' Lulju, 2021 sakemm isir il-ħlas kollu. Mill-bqija s-sentenza tal-Ewwel Qorti qiegħda titħalla kif inhi.

L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u tal-proċeduri quddiem din it-Tieni Qorti għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenut Riccardo Franco Schembri.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da